



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 16 ta' Ottubru 2015
(OR. en)**

2013/0442 (COD)

PE-CONS 42/15

**ENV 445
ENER 269
IND 110
TRANS 226
ENT 130
SAN 204
CODEC 972**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

DIRETTIVA (UE) 2015/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa
fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 134.

² ĠU C 415, 20.11.2014, p. 23.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ("il-Programm ta' Azzjoni") jirrikonoxxi li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja tnaqqsu b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, iżda li fl-istess ħin il-livelli tat-tniġġis tal-arja għadhom problema f'bosta partijiet tal-Ewropa, u li ċ-ċittadini tal-Unjoni għadhom esposti għal sustanzi li jniġġsu l-arja, li potenzjalment jistgħu jikkompromettu s-saħħa u l-benessri tagħhom. Skont il-Programm ta' Azzjoni, l-ekosistemi għadhom ibatu minħabba eċċess ta' depożiti ta' nitroġenu u kubrit marbutin mal-emissjonijiet tat-trasport, tal-prattiki agrikoli mhux sostenibbli, u tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. F'ħafna żoni tal-Unjoni, il-livell tat-tniġġis tal-arja għadu għola mill-limiti ffissati mill-Unjoni, u l-istandards tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja għadhom mhux qed jirrispettaw il-miri stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.
- (2) Biex ikun żgurat ambjent tajjeb għal kulħadd, il-Pjan ta' Azzjoni jitlob li l-miżuri lokali jkunu komplementati b'politika xierqa kemm fil-livell nazzjonali, kif ukoll f'dak tal-Unjoni. B'mod partikolari jitlob li jissaħħu l-isforzi biex ikun hemm konformità sħiħa mal-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja tal-Unjoni u biex jiġu ddefiniti l-miri u l-azzjonijiet strateġiċi lil hinn mill-2020.
- (3) Il-valutazzjonijiet xjentifiċi juru li t-telf medju mit-tul tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni minħabba t-tniġġis tal-arja huwa tmien xhur.
- (4) L-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa li joħorġu mill-kombustjoni tal-karburanti fl-impjanti tal-kombustjoni medji, b'mod ġenerali mhumieq irregolati fil-livell tal-Unjoni minkejja li dejjem qegħdin iżidu aktar mat-tniġġis tal-arja, b'mod partikolari minħabba żieda fl-użu tal-bijomassa bħala karburant, minħabba l-politika dwar il-klima u l-enerġija.

¹ Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

- (5) Il-kombustjoni tal-karburanti f'ċerti impjanti u apparat tal-kombustjoni żgħar hija koperta minn miżuri ta' implimentazzjoni kif imsemmi fid-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Hemm bżonn miżuri ulterjuri urġenti fil-qafas tad-Direttiva 2009/125/KE sabiex jiġi kopert il-kumplement tal-lakuna legiſlattiva. Il-kombustjoni tal-karburant fl-impjanti tal-kombustjoni kbar hija koperta mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² mis-7 ta' Jannar 2013, filwaqt li d-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ għadha tapplika għall-impjanti tal-kombustjoni l-kbar, koperti mill-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2010/75/UE sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (6) Il-Kummissjoni kkonkludiet, fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2013 dwar l-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 30(9) u l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali li jittratta l-emissjonijiet mit-trobbija intensiva tal-bhejjem u mill-impjanti ta' kombustjoni li, ġie muri potenzjal ċar ta' tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' karburanti mill-impjanti tal-kombustjoni medji.

¹ Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

² Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

³ Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċertu tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1).

- (7) L-obbligi internazzjonali tal-Unjoni dwar it-tniġġis tal-arja, li huma maħsuba biex jittnaqqsu l-aċidifikazzjoni, l-ewtrifikazzjoni, l-ożonu troposferiku u l-emissjonijiet ta' partikolati ġew miftehma skont il-Protokoll ta' Gothenburg tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila, li ġie emendat fl-2012 biex jissaħħu l-impenji eżistenti ta' tnaqqis tad-diossidu tal-kubrit, tal-ossidi tan-nitroġenu, tal-ammonja u tal-komposti organiċi volatili, u biex jiddaħħlu impenji ta' tnaqqis ġodda għall-materja partikolata fina (PM 2.5), li għandhom jintlaħqu mill-2020 'il quddiem.
- (8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Diċembru 2013 intitolat 'Programm ta' Arja Nadifa għall-Ewropa' titlob azzjoni għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja mill-impjanti tal-kombustjoni medji, u b'hekk tikkompleta l-qafas regolatorju għas-settur tal-kombustjoni. Il-Programm ta' Arja Nadifa tikkompleta l-aġenda għat-tnaqqis tat-tniġġis għall-2020 stabbilita fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2005 intitolata 'l-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja', u tiżviluppa l-miri tat-tnaqqis tal-impatti għall-perjodu li jwassal sal-2030. Biex jinkisbu dawk il-miri strateġiċi kollha għandha tiġi stabbilita aġenda regolatorja li tinkludi miżuri għall-kontroll tal-emissjonijiet mill-impjanti tal-kombustjoni medji.
- (9) L-impjanti tal-kombustjoni medji għandhom jiġu żviluppati u mħaddma b'tali mod li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika. Tali kunsiderazzjonijiet bħal u kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, il-possibbiltajiet tekniċi u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti għandhom jitqiesu b'mod partikolari f'każ ta' interventi għall-modernizzazzjoni tal-impjanti tal-kombustjoni medji jew meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar investimenti kbar.

- (10) Sabiex jiġi żgurat li t-tħaddim ta' impjant tal-kombustjoni medju ma jwassalx għad-deterjorament tal-kwalità tal-arja, il-miżuri meħuda sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab fl-arja ma għandhomx jirriżultaw f'żieda fl-emissjonijiet ta' tipi oħra ta' sustanzi niġġiesa, bħall-monossidu tal-karbonju.
- (11) L-impjanti tal-kombustjoni medji li huma diġà soġġetti għar-rekwiżiti minimi applikabbli fl-Unjoni kollha, bħalma huma l-impjanti li għalihom tapplika regola ta' aggregazzjoni skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2010/75/UE, jew l-impjanti li jinċineraw jew jikkoinċineraw skart solidu jew likwidu u li għalhekk huma koperti mill-Kapitolu IV ta' dik id-Direttiva, għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (12) Ċerti impjanti tal-kombustjoni medji oħrajn ukoll għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, abbażi tal-karatteristiċi tekniċi tagħhom jew tal-użu tagħhom f'attivitajiet partikolari.
- (13) Peress li l-impjanti tal-kombustjoni medji li jaħarqu karburanti tar-raffineriji fir-raffineriji waħidhom jew ma' karburanti oħrajn għall-produzzjoni ta' enerġija fir-raffineriji taż-żejt minerali u tal-gass, u l-bojlers ta' rkupru fl-installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa, huma soġġetti għal livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aqwa mezzi tekniċi disponibbli (BAT) stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT diġà stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal impjanti bħal dawn.

- (14) Din id-Direttiva għandha tapplika għall-impjanti tal-kombustjoni, inkluża taħlita ta' żewġ impjanti tal-kombustjoni medji jew aktar, b'qawwa termika nominali totali ta' 1 MW jew aktar, iżda inqas minn 50 MW. Impjanti tal-kombustjoni individwali b'qawwa termika nominali ta' inqas minn 1 MW ma għandhomx jitqiesu għall-fini tal-kalkolu tal-qawwa termika nominali ta' taħlita ta' impjanti tal-kombustjoni. Sabiex tiġi evitata lakuna regolatorji, din id-Direttiva għandha tapplika ukoll għal taħlita ta' impjanti tal-kombustjoni medji ġodda fejn it-total ta' qawwa termika nominali jkun ugwal għal jew aktar minn 50 MW, mingħajr ħsara tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2010/75/UE.
- (15) Biex ikun żgurat il-kontroll tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, tal-ossidi tan-nitroġenu u tat-trab fl-arja, kull impjant tal-kombustjoni medju għandu jaħdem biss jekk ikun inħariġlu permess jew jekk ikun ġie rreġistrat mill-awtorità kompetenti abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-operatur.
- (16) Biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet fl-arja mill-impjanti tal-kombustjoni medji, għandhom jiġu stabbiliti f'din id-Direttiva l-valuri limitu tal-emissjonijiet u r-rekwiżiti tal-monitoraġġ.
- (17) Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II ma għandhomx japplikaw għall-impjanti tal-kombustjoni medji li jinsabu fil-Gżejjer Kanarji, fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores u Madeira, minħabba l-kwistjonijiet tekniċi u loġistiċi assoċjati mal-pożizzjoni ġeografika iżolata ta' tali impjanti. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu valuri limitu tal-emissjonijiet għal tali impjanti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom fl-arja u r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

- (18) Biex l-impjanti tal-kombustjoni eżistenti jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw teknikament għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom japplikaw għal daww l-impjanti wara perjodu fiss mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (19) Fil-kuntest ta' ċerti ċirkustanzi speċifiċi fejn l-applikazzjoni ta' valuri limitu tal-emissjonijiet twassal għal spejjeż għolja b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji ambjentali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeżentaw lill-impjanti tal-kombustjoni medji li jintużaw f'każijiet ta' emerġenza u mħaddma matul perjodi limitati ta' żmien mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.
- (20) Minħabba n-nuqqasijiet infrastrutturali li jħabbtu wiċċhom magħhom l-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti li huma parti minn sistemi iżolati żgħar (SIS) jew sistemi iżolati mikro (MIS) u l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-interkonnnessjoni tagħhom, tali impjanti għandhom jingħataw aktar żmien biex jadattaw għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (21) Fid-dawl tal-benefiċċji kumplessivi tat-tisħin distrettwali f'termini ta' kontribut għat-tnaqqis fl-użu domestiku ta' karburanti li jikkawżaw livelli għolja ta' tniġġis fl-arja, u f'termini ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO₂, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħtu aktar żmien lill-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti li jipprovdu ammont sostanzjali mill-produzzjoni termika utli tagħhom lil netwerk pubbliku għat-tisħin distrettwali, biex jadattaw għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.
- (22) Fid-dawl tal-investimenti reċenti f'impjanti tal-bijomassa bil-għan li jizzied l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li diġà wasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, u sabiex jittieħed kont taċ-ċikli ta' investiment relatati, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħtu lil tali impjanti aktar żmien biex jadattaw għall-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

- (23) Fid-dawl tar-rwol essenzjali tal-istazzjonijiet tal-kompressuri tal-gass għall-affidabbiltà u s-sikurezza tal-operat tan-networks nazzjonali tat-trażmissjoni tal-gass u r-restrizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-aġġornament tagħhom, għandu jkun possibli għall-Istati Membri li jagħtu aktar żmien l-impjanti tal-kombustjoni medji li jħaddmu dawn l-istazzjonijiet biex jadattaw għall-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu stipulati f'din id-Direttiva.
- (24) Skont l-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), din id-Direttiva ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti. Tali miżuri jistgħu jkunu meħtieġa, pereżempju, f'żoni li ma jikkonformawx mal-valuri limitu tal-kwalità tal-arja. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtieġa li japplikaw valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti mir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva bħala parti mill-iżvilupp tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Tali valutazzjonijiet għandhom iqisu l-eżitu ta' skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prestazzjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li tista' tinkiseb bl-aqwa teknoloġiji disponibbli u emerġenti. Il-Kummissjoni għandha torganizza dan l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, inklużi l-operaturi u l-fornituri tat-teknoloġija, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi dawk li jippromwovu l-ħarsien tal-ambjent.
- (25) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur ta' impjant tal-kombustjoni medju jieħu l-miżuri meħtieġa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema biex jivverifikaw il-konformità tal-impjanti tal-kombustjoni medji mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

¹ Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

- (26) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi ta' din id-Direttiva, l-ispezzjonijiet għandhom, kemm jista' jkun, ikunu kkoordinati ma' daww meħtieġa fil-qafas ta' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, kif ikun xieraq.
- (27) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jikkonċernaw aċċess għall-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tagħha għandhom jiġu applikati b'tali mod li jiżguraw l-effett sħiħ tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (28) Biex ikun limitat il-piż għall-impriżi żgħira u ta' daqs medju li jħaddmu impjanti tal-kombustjoni medji, l-obbligi amministrattivi fuq l-operaturi dwar l-ġħoti ta' informazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom ikunu proporzjonati u għandhom jevitaw duplikazzjoni filwaqt li jibqgħu jippermettu l-verifika effettiva tal-konformità mill-awtorità kompetenti.
- (29) Biex tkun żgurata l-konsistenza u l-koerenza tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u biex jiġi nkorraġġut l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni, bl-għajjuna tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tiżviluppa għodda elettronika għar-rappurtar li tkun disponibbli wkoll għall-użu intern mill-Istati Membri biex jagħmlu r-rapporti nazzjonali u biex jorganizzaw id-data tagħhom.
- (30) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li temenda l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II għal impjanti tal-kombustjoni medji ġodda, abbażi ta' teknoloġiji l-iżjed riċenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll il-ħtieġa li tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet speċifiċi għal sustanzi oħra li jniġġsu, bħalma hu l-monossidu tal-karbonju, u possibbilment, standards ta' effiċjenza enerġetika minimi oħrajn.

¹ Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

- (31) Biex ikun possibbli l-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE biex taġġusta d-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità stipulati fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti, matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (32) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati l-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ta' formati tekniċi għar-rappurtar. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (33) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-titjib tal-kwalità ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (34) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Karta dwar il-protezzjoni ambjentali.
- (35) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹, l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli għall-kontroll tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit (SO₂), tal-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u tat-trab fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji, u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja u r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent minn dawn l-emissjonijiet.

Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-impjanti tal-kombustjoni b'qawwa termika nominali ta' 1 MW jew aktar, iżda inqas minn 50 MW ("impjanti tal-kombustjoni medji"), irrispettivament mit-tip ta' karburant li jużaw.
2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal taħlita ta' impjanti tal-kombustjoni medji ġodda skont l-Artikolu 4, inkluż taħlita li fiha l-qawwa termika nominali totali tkun ugwali għal jew aktar minn 50 MW, sakemm it-taħlita ma tikkostitwixxi impjant tal-kombustjoni kopert mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2010/75/UE.
3. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:
 - (a) impjanti tal-kombustjoni koperti mill-Kapitolu III jew il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2010/75/UE;

- (b) impjanti tal-kombustjoni koperti mid-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
- (c) impjanti tal-kombustjoni installati fl-irziezet b'qawwa termika nominali totali ta' anqas minn jew daqs 5 MW, li bħala karburant jużaw esklużivament demel tat-tjur mhux ipproċessat, kif imsemmi fl-Artikolu 9(a) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
- (d) impjanti tal-kombustjoni fejn il-prodotti gassużi tal-kombustjoni jintużaw għat-tisħin dirett, it-tnixxif jew kwalunkwe trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali;
- (e) impjanti tal-kombustjoni fejn il-prodotti gassużi tal-kombustjoni jintużaw għat-tisħin dirett li jaħdem bil-gass u li jintuża biex isaħħan l-ispazji interni għall-iskop tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- (f) impjanti ta' wara l-kombustjoni maħsubin biex jippurifikaw il-gassijiet residwi li jirriżultaw mill-proċessi industrijali permezz tal-kombustjoni u li mhumie x imħaddma bħala impjanti tal-kombustjoni indipendenti;

¹ Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1).

² Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament tal-prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.)

- (g) kull apparat tekniku li jintuża fil-propulsjoni ta' vettura, vapur jew ajruplan;
- (h) turbini u magni tal-gass u magni diesel, meta jintużaw fuq pjattaformi lil hinn mill-kosta;
- (i) faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalizzaturi għall-ikkrekkjar katalitiku;
- (j) faċilitajiet għall-konverżjoni tas-sulfur tal-idroġenu f'kubrit;
- (k) reatturi li jintużaw fl-industrija tal-kimika;
- (l) fran tal-kokk;
- (m) cowpers;
- (n) krematorji;
- (o) impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu karburanti tar-raffineriji waħidhom jew ma' karburanti oħrajn għall-produzzjoni ta' enerġija fir-raffineriji taż-żejt minerali u l-gass;
- (p) boilers ta' rkupru f'installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' żvilupp jew attivitajiet ta' ttestjar relatati ma' impjanti tal-kombustjoni medji. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "emissjoni" tfisser l-iskariku ta' sustanzi mill-impjant tal-kombustjoni fl-arja;
- (2) "il-valur limitu tal-emissjonijiet" tfisser il-kwantità permessa ta' sustanza fil-gassijiet residwi mill-impjant ta' kombustjoni li jistgħu jiġu skarikati fl-arja tul perjodu partikolari;
- (3) "ossidi tan-nitroġenu" (NO_x) tfisser ossidu nitriku u diossidu tan-nitroġenu, espressi bħala diossidu tan-nitroġenu (NO₂);
- (4) "trab" tfisser partikoli ta' kull forma, struttura jew densità, imxerrdin waqt il-fażi tal-gass fil-kundizzjonijiet tal-punt tat-teħid tal-kampjuni, li jistgħu jinġabru permezz ta' filtrazzjoni f'kundizzjonijiet speċifikati wara t-teħid ta' kampjuni rappreżentattivi tal-gass li se jiġi analizzat, u li jibqgħu 'l fuq mill-filtru u fuq il-filtru wara t-tnixxif f'kundizzjonijiet speċifikati;
- (5) "impjant tal-kombustjoni" tfisser kull apparat tekniku fejn jiġu ossidizzati l-karburanti biex tintuża s-sħana li tiġi ġġenerata;
- (6) "impjant tal-kombustjoni eżistenti" tfisser impjant tal-kombustjoni li jkun beda jintuża qabel ...⁺ jew li jkun ingħata permess għalih qabel ...⁺⁺ skont il-leġislazzjoni nazzjonali bil-kundizzjoni li l-impjant jibda jopera sa mhux aktar tard minn ...⁺;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: sena mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

- (7) "impjant tal-kombustjoni ġdid" tfisser impjant tal-kombustjoni mhux eżistenti;
- (8) "magna" tfisser magna li taħdem bil-gass, bid-diesel jew b'żewġ karburanti;
- (9) "magna tal-gass" tfisser magna ta' kombustjoni interna li taħdem skont iċ-Ċiklu Otto u tuża tqabbid bix-xrar biex taħraq il-karburant;
- (10) "magna diesel" tfisser magna ta' kombustjoni interna li taħdem skont iċ-Ċiklu Diesel u tuża tqabbid bil-kompressjoni biex taħraq il-karburant;
- (11) "magna li tuża żewġ karburanti" tfisser magna b'kombustjoni interna li tuża tqabbid bil-kompressjoni u taħdem skont iċ-Ċiklu Diesel meta tkun qed taħraq karburanti likwidi u skont iċ-Ċiklu Otto meta tkun qed taħraq karburanti forma ta' gass;
- (12) "turbina tal-gass" tfisser kull magna li ddur u li tikkonverti l-enerġija termika f' tħaddim mekkaniku, u li prinċipalment tikkonsisti f'kompressur, apparat termiku fejn jiġi ossidat il-karburant biex isaħħan il-likwidu tat-tħaddim, u turbina; dan jinkludi t-turbini tal-gass b'ċiklu miftuħ, it-turbini tal-gass b'ċiklu kkombinat u t-turbini tal-gass f'koġenerazzjoni, ilkoll bi ħruq supplimentari jew mingħajru;

- (13) "sistema iżolata żgħira" (SIS) tfisser sistema iżolata żgħira kif definita fil-punt 26 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
- (14) "sistema iżolata mikro" (MIS) tfisser sistema iżolata mikro kif definita fil-punt 27 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE;
- (15) "karburant" tfisser kull materjal kombustibbli solidu, likwidu jew gassuż;
- (16) "karburant tar-raffineriji" tfisser materjal kombustibbli solidu, likwidu jew gassuż mill-istadji ta' distillazzjoni u konverżjoni tar-raffinar ta' żejt mhux maħdum, inkluż gass tal-karburant tar-raffineriji, gass sintetiku, żjut tar-raffineriji u kokk petrolifiku;
- (17) "skart" tfisser skart kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;

¹ Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

² Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (18) "bijomassa" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn:
- (a) prodotti li jikkonsistu fi kwalunkwe materja veġetali mill-agrikultura jew mill-forestrija li tista' tintuża bħala karburant biex jittieħed il-kontenut tal-enerġija tagħha;
 - (b) l-iskart li ġej:
 - (i) skart veġetali mill-agrikultura u l-forestrija;
 - (ii) skart veġetali mill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, jekk tinġabar is-sħana ġġenerata;
 - (iii) skart veġetali fibruż mill-produzzjoni ta' polpa verġni u mill-produzzjoni ta' karta mill-polpa, jekk tiġi koinċinerata fil-post tal-produzzjoni u tinġabar is-sħana ġġenerata;
 - (iv) skart tas-sufra;
 - (v) skart tal-injam minbarra l-iskart tal-injam li jista' jkun fih komposti organiċi aloġenizzati jew metalli tqal bħala riżultat tat-trattament bi preservattiv jew b'kisi tal-injam u li jinkludi, b'mod partikolari, skart tal-injam bħal dak li joriġina mill-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni;

- (19) "żejt tal-gass" tfisser:
- (a) kwalunkwe karburant likwidu li ġej miż-żejt mhux maħdum u li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 25, 2710 19 29, 2710 19 47, 2710 19 48, 2710 20 17 jew 2710 20 19; jew
 - (b) kwalunkwe karburant likwidu li ġej miż-żejt mhux maħdum u li inqas minn 65 % minnu skont il-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C u li tal-inqas 85 % minnu skont il-volum (inkluż it-telf) jiddistilla fi 350 °C bil-metodu ASTM D86;
- (20) "gass naturali" tfisser metan li jinħoloq b'mod naturali u li ma fihx aktar minn 20 % (skont il-volum) finerti u kostitwenti oħrajn;
- (21) "żejt kombustibbli tqil" tfisser:
- (a) kwalunkwe karburant likwidu li ġej miż-żejt mhux maħdum u li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 51 sa 2710 19 68, 2710 20 31, 2710 20 35, jew 2710 20 39; jew
 - (b) kwalunkwe karburant likwidu li ġej miż-żejt mhux maħdum, minbarra ż-żejt tal-gass kif definit fil-punt 19, li, minħabba l-limiti ta' distillazzjoni tiegħu, jaqa' taħt il-kategorija ta' żjut tqal maħsuba għall-użu bħala karburant u li inqas minn 65 % minnu skont il-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C bil-metodu ASTM D86. Jekk id-distillazzjoni ma tkunx tista' tiġi determinata bil-metodu ASTM D86, il-prodott petroliferu jkun kategorizzat bl-istess mod bħala żejt kombustibbli tqil;

- (22) "sigħat ta' tħaddim" tfisser il-ħin, espress f'sigħat, li matulu l-impjant tal-kombustjoni jkun qed jopera u jitfa' l-emissjonijiet fl-arja, minbarra l-perjodi tat-tqabbid u tat-tifi;
- (23) "operatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tħaddem jew tikkontrolla l-impjant tal-kombustjoni, jew fejn huwa stipulat fil-leġislazzjoni nazzjonali, il-persuna li lilha jkun ġie ddelegat il-poter ekonomiku deċiżiv fuq it-tħaddim tekniku tal-impjant;
- (24) "żona" tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru, delimitat minn dak l-Istat Membru għall-fini tal-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja, kif stipulat fid-Direttiva 2008/50/KE.

Artikolu 4

Aggregazzjoni

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-taħlita ta' żewġ impjanti tal-kombustjoni medji ġodda jew aktar għandha titqies bħala impjant tal-kombustjoni medju wieħed, u l-qawwa termika nominali tagħhom għandu jingħadd flimkien sabiex jiġi kkalkulat l-qawwa termika nominali totali tal-impjant, fejn:

- il-gassijiet residwi ta' dawn l-impjanti tal-kombustjoni medji jiġu skarikati minn ċumnija komuni; jew
- meta jitqiesu l-fatturi tekniċi u ekonomiċi, il-gassijiet residwi ta' dawn l-impjanti tal-kombustjoni medji jkunu jistgħu, fil-fehma tal-awtorità kompetenti, jiġu skarikati minn ċumnija komuni.

Artikolu 5
Permessi u reġistrazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ebda impjant tal-kombustjoni medju għdid ma jitħaddem mingħajr permess jew mingħajr ma jkun reġistrat.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2024 l-ebda impjant tal-kombustjoni medju eżistenti b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 5 MW ma jitħaddem mingħajr permess jew mingħajr ma jkun reġistrat.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2029 l-ebda impjant tal-kombustjoni medju eżistenti b'qawwa termika nominali ta' anqas minn jew uguali għal 5 MW ma jitħaddem mingħajr permess jew mingħajr ma jkun reġistrat.
3. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-proċedura għall-ħruġ tal-permess jew għar-reġistrazzjoni fir-rigward ta' impjanti tal-kombustjoni medji. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu mill-inqas l-obbligu fuq l-operatur li jinforma lill-awtorità kompetenti dwar it-tħaddim tal-impjant jew dwar il-ħsieb li jħaddem, impjant tal-kombustjoni medju u li jipprovdi mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness I.
4. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra l-impjant tal-kombustjoni medju, jew tibda l-proċedura biex jinħariġlu permess, fi żmien xahar wara li l-operatur ikun ipprovda l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-operatur b'tali reġistrazzjoni jew bil-bidu tal-proċedura għall-ħruġ ta' permess.

5. L-awtorità kompetenti għandha iżommreġistru bl-informazzjoni dwar kull impjant tal-kombustjoni medju, inkluża l-informazzjoni elenkata fl-Anness I u l-informazzjoni li tinkiseb skont l-Artikolu 9. L-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti għandhom jiddaħħlu fir-reġistru mid-data tar-reġistrazzjoni jew mid-data ta' meta jinħareġ permess f'konformità ma' din id-Direttiva. L-awtorità kompetenti għandha tqiegħed r-reġistru għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, inkluż permezz tal-internet, f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE.
6. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' impjanti tal-kombustjoni medji li jkollhom permess jew li jkunu reġistrati, l-Istati Membri jistgħu jinkludu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' impjanti tal-kombustjoni medji fir-regoli vinkolanti ġenerali. Fejn jiġu adottati regoli vinkolanti ġenerali, il-permess jew ir-reġistrazzjoni jistgħu jinkludu sempliċement referenza għal dawn ir-regoli.
7. Għall-impjanti tal-kombustjoni medji li huma parti minn installazzjoni koperta mill-Kapitolu II tad-Direttiva 2010/75/UE, ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu bħala ssodisfati permezz tal-konformità ma' dik id-Direttiva.
8. Kwalunkwe permess maħruġ jew reġistrazzjoni li ssir skont leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni oħra jistgħu jiġu amalgamati mal-permess jew mar-reġistrazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 1 biex jiffurmaw permess uniku jew reġistrazzjoni unika sakemm dak il-permess uniku jew dik ir-reġistrazzjoni unika jkun fihom l-informazzjoni rikjesta skont dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Valuri limitu tal-emissjonijiet

1. Mingħajr ħsara għall-Kapitolu II tad-Direttiva 2010/75/UE, fejn hu applikabbli, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness II mad-Direttiva għandhom japplikaw għall-impjanti tal-kombustjoni medji .

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II ma għandhomx japplikaw għall-impjanti medji tal-kombustjoni fil-Gżejjer Kanarji, fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, u fl-Azores u f'Madeira. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu valuri limitu tal-emissjonijiet għal dawn l-impjanti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom fl-arja u r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

2. Mill-1 ta' Jannar 2025 l-emissjonijiet fl-arja ta' SO₂, NO_x u trab minn impjant tal-kombustjoni medju eżistenti b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 5 MW ma għandhomx jaqbu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fit-Tabelli 2 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness II.

Mill-1 ta' Jannar 2030 l-emissjonijiet fl-arja ta' SO₂, NO_x u trab minn impjant tal-kombustjoni medju eżistenti b'qawwa termika nominali ta' anqas minn jew ugħali għal 5 MW ma għandux jaqbeż il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fit-Tabelli 1 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness II.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-impjanti tal-kombustjoni medji li ma jaħdmux aktar minn 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja mobbli fuq perjodu ta' ħames snin milli jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness II.

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu sa 1 000 siegħa ta' tħaddim fil-każijiet li ġejjin ta' emerġenza jew ċirkustanzi straordinarji:

- għall-produzzjoni ta' enerġija ta' riżerva fi gżejjer konnessi, fil-każ ta' qtugħ fil-provvista prinċipali ta' enerġija lil gżira;
- għall-impjanti tal-kombustjoni medji użati għall-produzzjoni tas-sħana f'każ ta' temp kiesaħ aktar min-normal.

Fil-każijiet kollha elenkati f'dan il-paragrafu għall-impjanti li jaħarqu karburanti solidi għandu japplika valur limitu tal-emissjonijiet għat-trab ta' 200 mg/Nm³.

4. L-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti li huma parti minn SIS jew MIS għandhom jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti 1 tal-Anness II mill-1 ta' Jannar 2030.
5. Sal-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 5 MW mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness II sakemm mill-inqas 50 % tal-produzzjoni termika utli tal-impjant, bħala medja mobbli tul perjodu ta' ħames snin, titwassal fil-forma ta' fwar jew misħun lil network pubbliku għat-tisħin distrettwali. Fil-każ ta' tali eżenzjoni, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti ma għandhomx jaqbżu l-1100 mg/Nm³ għall-SO₂ u l-150 mg/Nm³ għat-trab.

Sal-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-impjanti tal-kombustjoni medji li jaħarqu l-bijomassa solida bħala l-karburant prinċipali, u li jkunu jinsabu f'żoni fejn skont il-valutazzjonijiet magħmula fil-qafas tad-Direttiva 2008/50/KE, tkun żgurata l-konformità mal-valuri limitu ta' dik id-Direttiva, mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' trab stipulati fl-Anness II ma' din id-Direttiva. Fil-każ ta' tali eżenzjoni, il-valuri limitu tal-emissjonijiet għat-trab stabbiliti mill-awtorità kompetenti ma għandhomx jaqbżu l-150 mg/Nm³.

Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ma jiġi kkawżat ebda tniġġis sinifikanti u li jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien fir-rigward tal-ambjent kollu kemm hu.

6. Sal-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 5 MW u li jintużaw biex iħaddmu stazzjonijiet tal-kompressuri tal-gass meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza ta' sistema tat-trażmissjoni tal-gass nazzjonali, mill-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet ta' NO_x stipulati fit-Tabella 3 tal-Parti 1 tal-Anness II.
7. Minn ...+, l-emissjonijiet fl-arja ta' SO₂, NO_x u ta' trab minn impjant tal-kombustjoni medju għdid ma għandhomx jaqbżu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II.
8. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-impjanti tal-kombustjoni medji ġodda li ma jaħdmux aktar minn 500 siegħa ta' tħaddim fis-sena bħala medja mobbli fuq perjodu ta' tliet snin milli jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II. Fil-każ ta' tali eżenzjoni, għall-impjanti li jaħarqu karburanti solidi għandu japplika valur limitu tal-emissjonijiet għat-trab ta' 100 mg/Nm³.
9. F'żoni jew partijiet minn żoni li ma jikkonformawx mal-valuri limitu tal-kwalità tal-arja tal-UE stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-ħtieġa li, għall-impjanti tal-kombustjoni medji individwali f'dawk iż-żoni jew f'partijiet minn żoni, japplikaw valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, bħala parti mill-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja msemmija fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50/KE, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni ta' dawn il-valuri limitu tal-emissjonijiet tikkontribwixxi effettivament għal titjib evidenti fil-kwalità tal-arja.

⁺ ĠU: daħħal id-data: 12-il xahar mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

10. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi dwar il-livelli ta' emissjonijiet li jistgħu jintlaħqu bl-aqwa teknoloġija disponibbli u emerġenti u l-ispejjeż relatati.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-iskambju ta' informazzjoni.

11. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga għal perjodu massimu ta' sitt xhur mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 7 għall-SO₂ fir-rigward ta' impjant tal-kombustjoni medju li normalment juża karburant li jkun fih livell baxx ta' kubrit, f'każijiet fejn l-operatur ma jkunx jista' jikkonforma ma' daww il-valuri limitu tal-emissjonijiet minħabba interruzzjoni fil-forniment ta' karburant b'livell baxx ta' kubrit minħabba nuqqas serju ta' karburant.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija skont l-ewwel subparagrafu fi żmien xahar.

12. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 7 f'każijiet fejn impjant tal-kombustjoni medju li juża biss karburant gassuż, f'każ eċċezzjonali jkollu jdur għall-użu ta' karburanti oħra minħabba xi interruzzjoni ħesrem fil-forniment tal-gass, u għalhekk ikun jeħtieġ apparat sekondarju ta' purifikazzjoni. Il-perjodu li għalih tingħata deroga ma għandux jaqbeż 10 ijiem ħliet f'każ li l-operatur jipprova mal-awtorità kompetenti li perjodu itwal ikun ġustifikat.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija skont l-ewwel subparagrafu fi żmien xahar.

13. Meta impjant tal-kombustjoni juża żewġ karburanti jew aktar simultanjament, il-valur limitu tal-emissjonijiet għal kull sustanza niġġiesa għandu jiġi kkalkulat billi:
- (a) jintuża l-valur limitu tal-emissjonijiet rilevanti għal kull karburant individwalment, kif stabbiliti fl-Anness II;
 - (b) jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet skont il-karburant, li jinkisbu bil-multiplikazzjoni tal-valuri limitu tal-emissjonijiet individwali msemmija fil-punt (a) bil-qawwa termika mogħti minn kull karburant, imbagħad jiġi diviż il-prodott tal-multiplikazzjoni bis-somma tal-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha; u
 - (c) jiġu aggregati l-valuri limitu tal-emissjonijiet b'koeffiċjent korrettiv skont il-karburant.

Artikolu 7

Obbligi tal-operatur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq il-monitoraġġ tal-emissjonijiet, skont, minn tal-inqas, il-Parti 1 tal-Anness III.
2. Għall-impjanti tal-kombustjoni medji li jużaw għadd ta' karburanti, il-monitoraġġ tal-emissjonijiet għandu jsir waqt il-ħruq ta' karburant jew ta' taħlita ta' karburanti li x'aktarx ikun juri l-ogħla livell ta' emissjonijiet u f'ħin li jirrappreżenta l-kundizzjonijiet normali tat-tħaddim.
3. L-operatur għandu jżomm rekord tar-riżultati kollha tal-monitoraġġ u jipproċessahom b'tali mod li tkun tista' tiġi vverifikata l-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet skont ir-regoli stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness III.

4. Għall-impjanti tal-kombustjoni medji li jużaw apparat ta' purifikazzjoni sekondarju biex jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet, l-operatur għandu jżomm rekord ta', jew informazzjoni li tipprova, it-tħaddim kontinwu effettiv ta' dan l-apparat .
5. L-operatur ta' impjant tal-kombustjoni medju għandu jżomm dawn li ġejjin:
- (a) il-permess jew il-prova tar-reġistrazzjoni min-naħa tal-awtorità kompetenti u, jekk rilevanti, il-verżjoni aġġornata tagħhom u informazzjoni relatata;
 - (b) ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u 4;
 - (c) fejn japplika, rekord tas-siġhat ta' tħaddim kif imsemmi fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 6(8);
 - (d) rekord tat-tip u l-kwantitajiet ta' karburanti li jintużaw fl-impjant u ta' kwalunkwe funzjonament ħażin jew ħsara fl-apparat ta' purifikazzjoni sekondarju;
 - (e) rekord tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità u l-miżuri meħuda, kif imsemmija fil-paragrafu 7.

Id-data u l-informazzjoni msemmija fil-punti (b) sa (e) tal-ewwel subparagrafu għandhom jinżammu mill-inqas għal perjodu ta' sitt snin.

6. L-operatur għandu, mingħajr dewmien żejjed, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din biex tkun tista' twettaq kontroll tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel tali talba, jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-data jew l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5.
7. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm konformità fl-iqsar żmien possibbli, mingħajr ħsara għall-miżuri previsti skont l-Artikolu 8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar it-tip, il-frekwenza u l-format tal-informazzjoni li għandha tingħata mill-operaturi lill-awtorità kompetenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità.
8. L-operatur għandu jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-awtorità kompetenti biex tkun tista' twettaq spezzjonijiet u żjarat fuq il-post, tiegħu kampjuni u tiġbor kull informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha għall-finijiet ta' din id-Direttiva.
9. L-operatur għandu jżomm l-perjodi tat-tqabbid u tat-tifi tal-impjant tal-kombustjoni medju qosra kemm jista' jkun.

Artikolu 8

Kontroll tal-konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri validi tal-emissjonijiet sorveljati f'konformità mal-Anness III ma jaqbżux, il-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema effikaċi, ibbażata fuq spezzjonijiet ambjentali jew miżuri oħra, biex jiġverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, minbarra l-miżuri meħuda mill-operatur skont l-Artikolu 6(7), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti titlob lill-operatur jiehū kull miżura meħtieġa biex jiġi żgurat li titreġġa' l-konformità mingħajr dewmien żejjed.

Fejn in-nuqqas ta' konformità jikkawża tnaqqis sinifikanti fil-kwalità tal-arja lokali, it-tħaddim tal-impjant tal-kombustjoni medju għandu jiġi sospiż sakemm titreġġa' l-konformità.

Artikolu 9

Bidliet fl-impjanti tal-kombustjoni medji

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien żejjed, b'kull tibdil maħsub fl-impjant tal-kombustjoni medju li jkun jaffettwa l-valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli.

L-awtorità kompetenti għandha taġġorna, kif xieraq, il-permess jew ir-reġistrazzjoni, skont il-każ.

Artikolu 10

Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-obbligi li joriġinaw minn din id-Direttiva.

Artikolu 11

Rappurtar

1. Sal- 1 ta' Ottubru 2026 u sal-1 ta' Ottubru 2031, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex tiġi vverifikata l-konformità tat-tħaddim tal-impjanti tal-kombustjoni medji ma' din id-Direttiva u dwar kwalunkwe azzjoni ta' infurzar għall-finijiet tagħha.

L-ewwel rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi stima tat-total annwali tal-emissjonijiet ta' SO₂, NO_x u trab mill-impjanti tal-kombustjoni medji, raggruppati skont it-tip ta' impjant, it-tip ta' karburant li jużaw u l-grad ta' kapaċità tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Jannar 2021, bi stima tat-total annwali tal-emissjonijiet ta' CO u kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar il-konċentrazzjoni ta' emissjonijiet ta' CO mill-impjanti tal-kombustjoni medji, raggruppati skont it-tip ta' karburant li jużaw u l-grad ta' kapaċità tagħhom.

3. Biex ikun jista' jsir ir-rappurtar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi għodda elettronika għar-rappurtar għad-disponibbiltà tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-forom tekniċi għar-rappurtar biex tissimplifika u tirrazzjonalizza l-obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li tirċievi r-rapporti mingħand l-Istati Membri, b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u billi tqis l-informazzjoni li tkun saret disponibbli skont l-Artikolu 6(11) u l-Artikolu 6(12) .
5. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha stipulati fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni ser ikollha l-ghajjnuna tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Artikolu 12

Rieżami

1. Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-progress fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika tal-impjanti tal-kombustjoni medji u tivvaluta l-benefiċċji li tistabbilixxi standards minimi dwar l-effiċjenza enerġetika skont l-aqwa mezzi tekniċi disponibbli.
2. Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Jannar 2023, tivvaluta l-bżonn li jsir rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar l-impjanti li huma parti minn SIS jew MIS, kif ukoll il-Parti 2 tal-Anness II, abbażi tat-teknoloġiji l-iżjed avvanzati.

Bħala parti minn dan ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk għal ċerti tipi ta' impjanti tal-kombustjoni medji, jew għat-tipi kollha, ikunx meħtieġ li jiġu regolati l-emissjonijiet ta' CO.

Minn dakinhar 'il quddiem, għandu jsir rieżami kull għaxar snin, u għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk ikunx xieraq li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti, b'mod partikolari għal impjanti tal-kombustjoni medji ġodda.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar ir-riżultati tar-rieżami msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 flimkien ma' proposta leġislattiva, fejn xieraq.

Artikolu 13

Emendi tal-Annessi

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 biex il-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness III jiġi adattat għall-progress tekniku u xjentifiku.

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ...+. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

⁺ ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumix se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2010/75/UE . Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 16

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ... +, u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Artikolu 17

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... ++. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir tali referenza għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

⁺ ĠU: daħħal id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 19

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I

L-informazzjoni li għandha tingħata mill-operatur lill-awtorità kompetenti

1. Il-qawwa termika nominali (MW) tal-impjant tal-kombustjoni medju;
2. It-tip ta' impjant tal-kombustjoni medju (magna diesel, turbina tal-gass, magna li tuża żewġ karburanti, magna oħra jew impjant tal-kombustjoni medju ieħor);
3. It-tip u l-proporzjonijiet ta' karburanti użati skont il-kategoriji tal-karburanti stabbiliti fl-Anness II;
4. Id-data ta' meta beda jitħaddem l-impjant tal-kombustjoni medju jew, jekk id-data ta' meta beda jitħaddem l-impjant mhijiex magħrufa, prova tal-fatt li dan beda jitħaddem qabel ...+;
5. Is-settur tal-attività tal-impjant tal-kombustjoni medju, jew il-faċilità fejn jintuża (il-kodiċi NACE);
6. L-għadd annwali ta' sigħat ta' tħaddim tal-impjant tal-kombustjoni medju mistennija, u l-kapaċità medja li tintuża;
7. Fejn tintuża l-possibilità ta' eżenzjoni taħt l-Artikolu 6(3) jew l-Artikolu 6(8), dikjarazzjoni ffirmata mill-operatur li l-impjant tal-kombustjoni medju mhux ser jitħaddem għal aktar min-numru ta' sigħat imsemmi f'dawk il-paragrafi;
8. L-isem u l-uffiċċju rreġistrat tal-operatur u, fil-każ ta' impjanti tal-kombustjoni medji stazzjonarji, l-indirizz ta' fejn jinsab l-impjant.

⁺ ĠU: daħħal id-data: 12-il xahar mid-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

ANNEX II

Valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6

Il-valuri limitu tal-emissjonijiet kollha stipulati f'dan l-Anness huma ddefiniti f'temperatura ta' 273,15 K, pressjoni ta' 101,3 kPa u wara l-korrezzjoni għall-kontenut ta' fwar tal-ilma fil-gassijiet residwi u b'kontenut ta' O₂ standardizzat ta' 6 % għall-impjanti tal-kombustjoni medji li jużaw karburanti solidi , 3 % għall-impjanti tal-kombustjoni medji li mhumex magni u turbini tal-gass li jużaw karburanti likwidi u gassużi, u 15 % għall-magni u għat-turbini tal-gass.

PARTI 1

Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti

Tabella 1

Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm^3) għall-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti, li mhumiex magni u turbini tal-gass, b'qawwa termika nominali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW

Sustanza niġġiesa	Bijomassa solida	Karburanti solidi oħrajn	Żejt tal-gass	Karburanti likwidi li mhumiex żejt tal-gass	Gass naturali	Karburanti gassużi li mhumiex gass naturali
SO ₂	200 ⁽¹⁾⁽²⁾	1 100	-	350	-	200 ⁽³⁾
NO _x	650	650	200	650	250	250
Trab	50	50	-	50	-	-

⁽¹⁾ Il-valur ma japplikax fil-każ ta' impjanti li jaħarqu esklużivament bijomassa solida tal-injam.

⁽²⁾ 300 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti li jaħarqu t-tiben.

⁽³⁾ 400 mg/Nm^3 fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-kokk fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar.

Tabella 2

Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-impjanti tal-kombustjoni medji eżistenti, li mhumiex magni u turbini tal-gass, b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 5 MW

Sustanza niġġiesa	Bijomassa solida	Karburanti solidi oħrajn	Żejt tal-gass	Karburanti likwidi li mhumiex żejt tal-gass	Gass naturali	Karburanti gassużi li mhumiex gass naturali
SO ₂	200 ^{(1) (2)}	400 ⁽³⁾	-	350 ⁽⁴⁾	-	35 ^{(5) (6)}
NO _x	650	650	200	650	200	250
Trab	30 ⁽⁷⁾	30 ⁽⁷⁾	-	30	-	-

- (1) Il-valur ma japplikax fil-każ ta' impjanti li jaħarqu esklużivament bijomassa solida tal-injam.
- (2) 300 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti li jaħarqu t-tiben.
- (3) 1 100 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti b'qawwa termikaqawwa termika nominali li hija aktar minn 5 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW.
- (4) Sal-1 ta' Jannar 2030, 850 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali li hija aktar minn 5 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW li jaħarqu żejt kombustibbli tqil.
- (5) 400 mg/Nm³ fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-kokk, u 200 mg/Nm³ fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-blast, fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar.
- (6) 170 mg/Nm³ fil-każ ta' bijogass.
- (7) 50 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali li hija aktar minn 5 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW.

Tabella 3

Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għall-magni u t-turbini tal-gass eżistenti

Sustanza niġġiesa	Tip ta' impjant tal-kombustjoni medju	Żejt tal-gass	Karburanti likwidi li mhumie x żejt tal-gass	Gass naturali	Karburanti gassużi li mhumie x gass naturali
SO ₂	Magni u turbini tal-gass	-	120	-	15 ^{(1) (2)}
NO _x	Magni	190 ^{(3) (4)}	190 ^{(3) (5)}	190 ⁽⁶⁾	190 ⁽⁶⁾
	Turbini tal-gass ⁽⁷⁾	200	200	150	200
Trab	Magni u turbini tal-gass	-	10 ⁽⁸⁾	-	-

⁽¹⁾ 60 mg/Nm³ fil-każ ta' bijogass.

⁽²⁾ 130 mg/Nm³ fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-kokk u 65 mg/Nm³ fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-blast fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar.

⁽³⁾ 1850 mg/Nm³ fil-każijiet li ġejjin:

(i) għall-magni diesel li bdew jinbnew qabel it-18 ta' Mejju 2006;

(ii) għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' karburanti, issettjati għal karburant likwidu.

⁽⁴⁾ 250 mg/Nm³ fil-każ ta' magni b'qawwa termika nominali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW.

⁽⁵⁾ 250 mg/Nm³ fil-każ ta' magni b'qawwa termika nominali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW; 225 mg/Nm³ fil-każ ta' magni b'qawwa termika nominali li hija aktar minn 5 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW.

⁽⁶⁾ 380 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' karburanti, issettjati għal karburant forma ta' gass.

⁽⁷⁾ Il-valuri limitu tal-emissjonijiet huma applikabbli biss għal kapaċità oġhla minn 70 %.

⁽⁸⁾ 20 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW.

PARTI 2

Valuri limitu tal-emissjonijiet għall-impjanti tal-kombustjoni medji ġodda

Tabella 1

Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm^3) għall-impjanti tal-kombustjoni medji ġodda li mhumix magni u turbini tal-gass

Sustanza niġġiesa	Bijomassa solida	Karburanti solidi oħrajn	Żejt tal-gass	Karburanti likwidi li mhumix żejt tal-gass	Gass naturali	Karburanti gassużi li mhumix gass naturali
SO ₂	200 ⁽¹⁾	400	-	350 ⁽²⁾	-	35 ^{(3) (4)}
NO _x	300 ⁽⁵⁾	300 ⁽⁵⁾	200	300 ⁽⁶⁾	100	200
Trab	20 ⁽⁷⁾	20 ⁽⁷⁾	-	20 ⁽⁸⁾	-	-

- ⁽¹⁾ Il-valur ma japplikax fil-każ ta' impjanti li jaħarqu esklużivament bijomassa solida tal-injam.
- ⁽²⁾ Sal-1 ta' Jannar 2025, 1 700 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti li jiffurmaw parti minn SIS jew MIS.
- ⁽³⁾ 400 mg/Nm^3 fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-kokk, u 200 mg/Nm^3 fil-każ ta' gassijiet b'valur kalorifiku baxx minn fran tal-blast, fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar.
- ⁽⁴⁾ 100 mg/Nm^3 fil-każ ta' bijogass.
- ⁽⁵⁾ 500 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali totali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW.
- ⁽⁶⁾ Sal-1 ta' Jannar 2025, 450 mg/Nm^3 meta jaħarqu żejt tqil li fih bejn 0,2 % and 0,3 % N u 360 mg/Nm^3 meta jaħarqu żejt tqil li fih inqas minn 0,2 % N fil-każ ta' impjanti li jiffurmaw parti minn SIS jew MIS.
- ⁽⁷⁾ 50 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali totali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW; 30 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali totali li hija aktar minn 5 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW.
- ⁽⁸⁾ 50 mg/Nm^3 fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali totali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW.

Tabella 2

Valuri limitu tal-emissjonijiet (mg/Nm³) għal magni u turbini tal-gass ġodda

Sustanza niġġiesa	Tip ta' impjant tal-kombustjoni medju	Żejt tal-gass	Karburanti likwidi li mhumiex żejt tal-gass	Gass naturali	Karburanti gassużi li mhumiex gass naturali
SO ₂	Magni u turbini tal-gass	-	120 ⁽¹⁾	-	15 ⁽²⁾
NO _x	Magni ⁽³⁾⁽⁴⁾	190 ⁽⁵⁾	190 ⁽⁵⁾⁽⁶⁾	95 ⁽⁷⁾	190
	Turbini tal-gass ⁽⁸⁾	75	75 ⁽⁹⁾	50	75
Trab	Magni u turbini tal-gass	-	10 ⁽¹⁰⁾⁽¹¹⁾	-	-

(1) Sal-1 ta' Jannar 2025, 590 mg/Nm³ għall-magni diesel li jiffurmaw parti minn SIS jew MIS.

(2) 40 mg/Nm³ fil-każ ta' bijogass.

(3) Magni li jaħdmu bejn 500 u 1 500 siegħa fis-sena jistgħu jiġu eżentati mill-konformità ma' dawk il-valuri limitu tal-emissjonijiet jekk japplikaw miżuri primarji biex jillimitaw l-emissjonijiet ta' NO_x u jilħqu l-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fin-nota ta' qiegħ il-paġna⁽⁴⁾.

(4) Sal-1 ta' Jannar 2025 f'SIS u MIS, 1 850 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ karburanti issettjati għal karburant likwidu u 380 mg/Nm³ għal dawk issettjati għal karburant forma ta' gass; 1 300 mg/Nm³ għall-magni diesel bi ≤ 1 200 rpm b'qawwa termika nominali totali li hija inqas minn jew ugwali għal 20 MW u 1 850 mg/Nm³ għall-magni diesel b'qawwa termika nominali totali ta' aktar minn 20 MW; 750 mg/Nm³ għall-magni diesel bi > 1 200 rpm.

(5) 225 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' karburanti, issettjati għal karburant likwidu.

(6) 225 mg/Nm³ għall-magni diesel b'qawwa termika nominali totali li hija inqas minn jew ugwali għal 20 MW jew inqas bi ≤ 1 200 rpm.

(7) 190 mg/Nm³ għall-magni li jużaw żewġ tipi ta' karburanti, issettjati għal karburant forma ta' gass.

(8) Dawn il-valuri limitu tal-emissjonijiet huma applikabbli biss għal kapaċità oġhla minn 70 %.

(9) Sal-1 ta' Jannar 2025, 550 mg/Nm³ għall-impjanti li jiffurmaw parti minn SIS jew MIS.

(10) Sal-1 ta' Jannar 2025, 75 mg/Nm³ għall-magni diesel li jiffurmaw parti minn SIS jew MIS

(11) 20 mg/Nm³ fil-każ ta' impjanti b'qawwa termika nominali totali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 5 MW.

ANNEX III

Monitoraġġ tal-emissjonijiet u valutazzjoni tal-konformità

Parti 1- Monitoraġġ tal-emissjonijiet mill-operatur

1. Se jkun meħtieġ kejl perijodiku mill-inqas:
 - darba kull tliet snin għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali li hija uguali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew uguali għal 20 MW,
 - darba fis-sena għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 20 MW.

2. Bħala alternattiva għal frekwenzi msemija fil-punt 1, fil-każ ta' impjanti tal-kombustjoni medji li huma soġġetti tal-Artikolu 6 (3) jew l-Artikolu 6(8), jista' jkun meħtieġ kejl perjodiku mill-inqas kull darba li jkun għaddew in-numru ta' sigħat ta' tħaddim li ġejjin:
- tliet darbiet in-numru medju massimu ta' sigħat ta' tħaddim annwali, applikabbli skont l-Artikolu 5(2a) jew l-Artikolu 5(3a), għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali li hija ugwali għal jew aktar minn 1 MW u inqas minn jew ugwali għal 20 MW,
 - in-numru medju massimu ta' sigħat ta' tħaddim annwali, applikabbli skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 6(8), għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 20 MW.
- Fi kwalunkwe każ, il-frekwenza ta' kejl perjodiku ma għandhiex tkun inqas minn darba kull ħames snin.
3. Il-kejl għandu jkun meħtieġ biss għal:
- (a) sustanzi niġġiesa li għandhom valur limitu tal-emissjonijiet stipulat f'din id-Direttiva għall-impjant ikkonċernat;
 - (b) CO għall-impjanti kollha.
4. L-ewwel kejl għandu jitwettaq fi żmien erba' xhur li l-impjant jinħariġlu l-permess biex, jew jiġi rreġistrat, l-impjant, jew d-data tal-bidu tat-tħaddim, skont liema tkun l-aktar tard.

5. Bħala alternattiva għall-kejl imsemmi fil-punti 1, 2 u 3(a), f'dak li jirrigwarda l-SO₂, jistgħu jintużaw proċeduri oħra li jkunu ġew ivverifikati u approvati mill-awtorità kompetenti biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tal-SO₂.
6. Bħala alternattiva għall-kejl perġodiku msemmi fil-punt 1, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kejl kontinwu.

Fil-każ ta' kejl kontinwu, is-sistemi ta' kejl awtomatizzati għandhom ikunu soġġetti għal verifika permezz ta' kejl parallel mal-metodi ta' referenza mill-inqas darba fis-sena u l-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bir-riżultati ta' dawk il-verifiki.

7. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ta' sustanzi niġġiesa u l-kejl tal-parametri tal-proċessi, kif ukoll kull alternattiva li tintuża kif imsemmi fil-punti 5 u 6, għandhom ikunu bbażati fuq metodi li jippermettu riżultati affidabbli, rappreżentattivi u komparabbli. Il-metodi li jikkonformaw ma' standards EN armonizzati għandhom jitqiesu li jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Waqt kull kejl, l-impjant għandu jkun qed jopera f'kundizzjonijiet stabbli ta' kapaċità kostanti rappreżentattiva. F'dan il-kuntest għandhom jiġu esklużi l-perjodi tat-tqabbid u tat-tifi.

PARTI 2

Valutazzjoni tal-konformità

1. Fil-każ ta' kejl perjodiku, il-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 għandhom jitqiesu bħala konformi jekk ir-risultati ta' kull waħda mis-serje ta' kejl jew ta' proċeduri oħra definiti u determinati skont ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ma jaqbżux il-valur limitu tal-emissjonijiet rilevanti.
2. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 għandha tiġi evalwata kif stabbilit fil-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness V għad-Direttiva 2010/75/UE.

Il-valuri medji kkonvalidati huma ddeterminati kif stabbilit fil-punti 9 u 10 tal-Parti 3 tal-Anness V għad-Direttiva 2010/75/UE.
3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valuri medji tal-emissjonijiet, il-valuri mkejla matul il-perjodi msemmija fl-Artikolu 6(11) u l-Artikolu 6(12) kif ukoll matul il-perjodi tat-tqabbid u tat-tifi ma għandhomx jiġu kkunsidrati.
